# KUNSILL LOKALI SIĠĠIEWI
## *CITTÀ FERDINAND*

## SEDUTA NRU 293 – Il-Hamis 8 ta' Jannar, 2015
## AĠENDA

Talba

1. Korrezzjoni tal-Minuti

2. Punti li joħorġu mill-Minuti

3. Finanzi: Approvazzjoni ta' pagamenti

4. Ħwejjeġ oħrajn.

## MINUTI

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku, 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi, fis-7.00p.m. Ippresieda s-Sindku, l-Avukat Dr Karol Aquilina.

### PREŻENTI

Is-Sindku Dr Karol Aquilina
Il-Viċi-Sindku Dr Mark Anthony Vassallo
Il-Kunsillier Mario Cachia
Il-Kunsillier Nicholas Cassar
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar
Il-Kunsillier Jesmond Tanti

Uffiċjal: Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Nicholas Baldacchino

### ASSENTI SKUŻATI

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva komunikat mingħand il-KunsillieraMariette Borg li kienet indisposta minħabba mard. Is-Sindku ippropona li din it-talba tkun milqugħa. Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

### TALBA

Is-Sindku stieden lill-membri sabiex tingħad it-talba.

# 1 QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Is-Sindku ippropona li l-Minuti tas-Seduta 292 ikunu approvati bħala dokument korrett. Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 2 PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

**2.1 Ilment dwar is-sit magħruf bħala "Tal-Ħofor"**

Is-Sindku ippropona li jiġu avviċinati l-propretarji tal-*Animal Sanctuary* li hemm viċin is-sit u bi sħab magħhom tinħareġ stqarrija dwar il-każ u li fiha jiġu ippublikati r-ritratti li juru l-ħsara ambjentali li qed issir.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**2.2 Ħinijiet tal-Librerija Pubblika**

Is-Sindku qal li kien se jikkomunika mal-librara bil-proposta li jiżdiedu l-ħinijet u deċiżjoni tittieħed fis-seduta li jmiss.

**2.3 Materjal li jinkludi irmied fil-barriera ta' Triq Lapsi**

Is-Sindku qal li kien se jkompli jsegwi l-każ.

# 3 FINANZI

**3.1 Pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġa fuq il-mejda kopja tad-dokument li juri l-lista tal-pagamenti. Is-Sindku ippropona li l-pagamenti jiġu approvati kif inhuma. Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**3.2 Rapport finanzjarju Lulju - Settembru 2014**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ir-rapport finanzjarju għall-perjodu ta' Lulju – Settembru 2014. Huwa qal li din kien juri bilanċ ta' €23,232 fil-**working capital.**

**3.3 Estimi finanzjarji għas-Sena 2014**

Is-Sindku qal li hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv ħejjew l-estimi finanzjarji għas-sena 2015 li tagħhom poġġa kopja tagħhom fuq il-mejda, liema kopja qed tiġi annessa mal-minuti. Huwa qal li matul din is-sena hu mistenni li l-Kunsill idaħħal u jonfoq €796,490.

Saret diskussjoni dwar kull materja b'mod partikolari dawk ta' natura kapitali. Is-Sindku appella biex s-Segretarju Eżekuttiv jiġbed l-attenzjoni tal-Kunsill meta xi wieħed mill-items ikun viċin li tinqabeż l-istima ivvutata għalih.

Huwa ippropona li dawn l-estimi jiġu aċċettati.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 4 KUNTRATTI

### 4.1 *Supply of Concrete LCS 13/2014*

Is-Sindku iddikjara li għandu konflitt ta' interess u għalhekk irtira mill-kamra.

Il-Viċi-Sindku ħa t-tmexxija tal-laqgħa u stieden lis-Segretarju Eżekuttiv jaqra r-rapport tal-Perit tal-Kunsill, is-sur Neil Felice. Dan irrimarka li billi x-xogħol marbut ma' dan il-kuntratt fil-maġġoranza tiegħu se jkun jikkonsisti f'fornitura ta' *concrete* f'toroq dojoq fil-kampanja, u għalhekk is-siti huma ristretti, huwa tal-opinjoni li l-offerta ta' Joseph Bonello hija l-aktar waħda vantaġġjuża.

Il-Viċi-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu joqgħod fuq il-parir tal-Perit u jaċċetta l-offerta ta' Joseph Bonello. Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

Is-Sindku reġa' ħa t-tmexxija tas-seduta.

### 4.2 Resurfacing LCS 25/13

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt tar-resurfacing li preżentament huwa mal-Asfaltar Ltd., kienet se tiskadi t-tieni sena tiegħu.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill m'għandu iġedded il-kuntratt għat-tielet sena tiegħu imma joħroġ sejħa għall-offerti.

Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

# 5 HWEJJEĠ OHRA

### 5.1 Stampar tal-ktieb dwar is-Siġġiewi

Is-Sindku qal li x-xogħol ta' kitba u tħejjija tal-ktieb miexi ġmielu. Dan qed jinkiteb mis-Sindku flimkien ma' Nicholas Bezzina u Leonard Callus. Mhux mistenni li jkun hemm ħafna kitba imma jkun jinkludi ħafna ritratti. Ħafna minnhom antiki.

Il-pjan hu li tingħata kopja b'xejn lill-kull familja u tinġabar mill-Kunsill fiil-ġimgħa ta' Jum is-Siġġiewi. Huwa kompla jgħid li għalkemm jingħata b'xejn għandha tintalab donazzjoni għad-Dar tal-Providenza.

### 5.2 Jum is-Siġġiewi

Is-Sindku ippropona li Jum is-Siġġiewi jiġi iċċelebrat il-Ħadd, 1 ta' Marzu bil-qofol tiegħu ikunu iċ-ċerimonja tal-għoti tal-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi fil-Limestone Heritage.

Madankollu, huwa ippropona wkoll li marbuta ma' Jum is-Siġġiewi ikun hemm diversi attivitajiet oħrajn li jibdew it-Tnejn 23 ta' Frar u jibqgħu sejrin sal-Ħadd 8 ta' Marzu. Dawn jinkludu:

**It-Tnejn 23 ta' Frar:** Attività fl-Iskola Primarja tas-Siġġiewi li tinkludi tqassim ta' ktejjeb għat-tfal dwar is-Siġġiewi.

**Il-Ħamis 26 ta' Frar 2015 jew l-Erbgħa 4 ta' Marzu:** Attività għall-anzjani fiċ-Ċentru Ċiviku.

**Is-Sibt 28 ta' Frar 2015:** Tindif f'żona mhux urbana fis-Siġġiewi (mid-9.00 am sa 12.00 pm)

**Il-Ħadd 1 ta' Marzu**
- Quddiesa ta' radd il-ħajr fil-Knisja Arċipretali tas-Siġġiewi (11.00 am). Jiġu mistiedna l-għaqdiet kollha tas-Siġġiewi.
- Marċ mill-baned tas-Siġġiewi madwar it-toroq tas-Siġġiewi.
- Ċerimonja tal-għoti tal-Onorifiċenza Mertu Siġġiewi fil-Limestone Heritage. Għal din iċ-ċerimonja għandha tiġi mistiedna l-President tar-Repubblika.

**Is-Sibt 7 ta' Marzu:** Tqassim tal-ktieb dwar is-Siġġiewi miċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi.

**Il-Ħadd 8 ta' Marzu 2015**
- Jum is-Saħħa: Sensiela ta' attivitajiet fi Pjazza San Nikola u fiċ-Ċentru Ċiviku.
- Tellieqa/*fun run* madwar is-Siġġiewi.
- Tqassim tal-ktieb dwar is-Siġġiewi miċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi.
- Tingħalaq il-parti t'isfel tal-Pjazza u jiġi organizzat tournament tal-football bill-kollaborazzjoni tal-għaqdiet sportivi. Din tkun ikkordinata mill-Kunsillier Jesmond Tanti.

Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.3 Performance Bonuses tal-Impjegati**

Is-Sindku ippropona li s-Segretarju Eżekuttiv is-sur Nikol Baldacchino, kif ukoll l-impjegati Ms Ritienne Giorgino, Ms Maria Muscat, u Ms Agnes Borg jingħataw il-*performance bonus* għall-massimu li tippermetti l-liġi u r-regolamenti relatati.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill irriżolva unanimament.

**5.4 Ħinjiet tal-ġbir tal-iskart domestiku**

Is-Segretarju Eżekuttiv qal li d-Dipartiment tal-Kunsill Lokali qed jitlob l-opinjoni tal-Kunsilli kollha dwar liema hu l-aħjar ħin biex jinġabar l-iskart domestiku biex dan ma jikkawżax konġestjoni tat-traffiku.

Is-Sindku qal li li l-Kunsill kien diġà iddiskuta f'seduta oħra jekk għandniex inbiddlu l-ħinijiet. Il-konklużjoni kienet li dawn il-ħinijiet m'għandhomx jinbidlu. Dan fid-dawl ukoll li ma jidhirx li l-orarju tal-ġbir tal-iskart qed joħloq xi problemi tat-traffiku. Għalhekk ippropona li dawn il-ħinijiet m'għandhomx jinbidlu.
Il-Kunsillier Emanuel Cutajar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.5 Estensjoni ta' bankina quddiem Bottle-2-Bottle fi Triq San Nikola**

Is-Sindku qal li kien se jirtira mit-tmexxija minħabba konflitt ta' interess.
Il-Viċi-Sindku ħa t-tmexxija tas-seduta.
Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien irċieva dokument li juri li t-Transport Malta approvat it-talba li kienet saret mill-Kunsill għall-estensjoni tal-bankina.

Il-Viċi-Sindku ippropona li dan ix-xogħol għandu jiddaħħal max-xogħol tal-bdil tal-bankini tal-istess triq.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.6 Soak-aways fi Triq Mons Mikiel Azzopardi**

Is-Sindku qal li f'parti mill-imsemmija triq, joqgħod ħafna ilma. Il-Perit issuġġerixxa li biex titaffa d-diffikultà ma jsirux culverts imma soak-aways. Hu ippropona li għandna nimxu ma' dan il-parir.

Il-Kunsillier Jesmond Tanti issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.7 Bye-law dwar l-użu tal-bini taċ-Ċentru Ċiviku**

Is-Sindku qal li kif kien qabel il-Kunsill huwa bagħat kopja tal-abbozz lill-għaqdiet kollha. L-uniku persuna li bagħatet il-kummenti tagħha kien is-sur Eusebio Buhagiar, is-Segretarju tas-Siġġiewi Festival Brass Band. Dan argementa li l-bini taċ-Ċentru m'għandux jintuża minn għaqdiet li ma humiex reġistrati mal-Kummissarju tal-Volontarjat.

Dan ifisser li primarjament għaqdiet reliġjużi u għaqdiet oħrajn żgħar ma jkunux jistgħu jagħmlu użu minnu.

Is-Sindku ippropona li l-Kunsill għandu jħalli l-użu miftuħ għall-għaqdiet kollha, anki dawk mhux reġistrati, u għandu nipproċedu bil-pubblikazzjoni tal-Bye-Law.

Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li f'ċirkostanzi partikolari jista' jagħti l-kas li ma jkun hawn ħadd responsabbli mis-sit meta dan ikun qed jintuża mill-għaqdiet.

Is-Sindku ippropona li f'dawk iċ-ċirkustanzi għandu jsir l-arranġamenti biex is-sur Twannie Pace jieħu ħsieb ikun preżenti u jingħata remunirazzjoni ta' €5 kull siegħa.

Il-Viċi-Sindku issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.8 Sinjali tat-Traffiku fi Triq 6 ta' Diċembru**

Is-Sindku qal li kien hemm diversi reazzjonijiet xi wħud minnhom kuntrarji. Huwa ippropona li jikteb lir-residenti dwar x'jaħsbu u joffrilhom ukoll li min irid jista' jiġi jitkellem miegħu u mal-kunsilliera f'ġurnata u f'ħin partikolari, imbagħad tittieħed deċiżjoni fis-seduta li jmiss.

Il-Kunsillier Mario Cachia issekonda u l-Kunsill qabel b'mod unanimu.

**5.9 *Vacation Leave* tas-Segretarju Eżekuttiv**

Is-Sindku qal li minħabba esiġenzi ta' xogħol, is-Segretarju Eżekuttiv għad baqgħalu tnax-il ġurnata *vacation leave* u għalhekk ippropona li dan jiġġedded għas-sena d-dieħla.

Il-Kunsillier Nicholas Cassar issekonda u l-Kunsill irriżolva favur b'mod unanimu.

## GĦELUQ TAS-SEDUTA

Is-Sindku iddikjara s-seduta magħluqa fit-8.30pm u ippropona li s-seduta li jmiss titlaqqa' nhar it-Tnejn 26 ta' Jannar fis-7:00pm. Il-Kunsill unanimament aċċetta.

| | |
|---|---|
| **L-Avukat Dr Karol Aquilina**<br>**Sindku** | **Is-Sur Nikol Baldacchino**<br>**Segretarju Eżekuttiv** |

**Konfermati llum it-it-Tnejn, 26 ta' Jannar, 2015.**

| | | |
|---|---|---|
| | **INCOME** | |
| 1 | Government allocation | **725,932** |
| 15 | UIF | **25,108** |
| 15 | SKEMI | **5,000** |
| | PPP | **0** |
| 26 | Edukazzjoni | **1500** |
| 38 | Contraventions | **13,000** |
| 40 | Skips | **250** |
| 56 | Sponsorships | **500** |
| 66 | General | **5,500** |
| 66 | General - WSC | **12,000** |
| 69 | Tender documents | **500** |
| 69 | Cance. MEPA guarantee | **7200** |
| | **TOTAL INCOME** | 79,6490 |
| | | |
| | **EXPENDITURE** | |
| 1110 | Honoraria Mayor | **10,800** |
| 1200 | Salaries | **81,000** |
| 1300 | Bonus | **540** |
| 1400 | Bonus | **850** |
| 1500 | Social Security | **7,140** |
| 1600 | Councillors' allowances | **8,000** |
| 2130 | Electricity | **4,500** |
| 2140 | Water | **450** |
| 2160 | Telephone | **5000** |
| 2210 | Operating Material | **4,500** |
| 2220 | Cleaning material & Supplements | **250** |
| 2310 | Patching | **45,000** |
| 2311 | Pavements | **100,000** |
| 2313 | Signs | **10,000** |
| 2314 | Road Markings | **1,000** |
| 2370 | Other repairs | **16,000** |
| 2371 | Street furniture | **1,000** |
| 2372 | Street lighting | **18,000** |
| 2400 | Rent | **3320** |
| 2521 | Youth programme | **500** |
| 2560 | Membership local organisations | **250** |
| 2610 | Printing | **4,000** |
| 2610 | Printing - Ktieb Siggiewi | **7,000** |
| 2620 | Stationery | **3,370** |
| 2650 | Postage | **1,200** |
| 2640 | Distribution | **550** |

| | | |
|---|---|---|
| 2750 | Vehicle and transport expenses | **2,060** |
| 2910 | Pr: flowers, rigal archpriest | **800** |
| 2930 | PR | **1,500** |
| 2990 | Fairs and exhibition | **500** |
| 2995 | Library | **1,600** |
| 3030 | Insurance | **3,000** |
| 3040 | Waste Disposal | **38,000** |
| 3041 | Refuse Collection | **57,500** |
| 3042 | Bulky | **6,000** |
| 3050 | Shelters | **12,000** |
| 3051 | Street Sweeping | **36,500** |
| 3052 | Non urban | **49,000** |
| 3053 | Public convenience | **8,000** |
| 3055 | Cleaning Council | **5,500** |
| 3061 | Parks and gardening | **34,000** |
| 3065 | Clerical contractual | **1,400** |
| 3110 | IT development | **7,600** |
| 3120 | Contract Manager | **10,000** |
| 3130 | Architects' services- | **11,000** |
| 3140 | Legal Services | **3,500** |
| 3160 | Accountancy services | **4,000** |
| 3310 | Council Lunch and misc., | **200** |
| 3362 | Anzjani & Transport disabled | **1,000** |
| 3363 | Football Ground | **8,000** |
| 3365 | Anzjani | **300** |
| 3370 | Festa Gheneb | **6000** |
| 3371 | Edukazzjoni | **3,500** |
| 3372 | Dwar Milied u Festa | **5,000** |
| 3372 | Jum is-Siggiewi | **3,000** |
| 3374 | Mixeghla Salib tal-Gholja | **8,000** |
| 3373 | Education self-financing | **650** |
| 7101 | PPP | **7,818** |
| 7101 | Resurfacing | **50,000** |
| 7104 | Concrete rural access roads | **20,000** |
| 7210 | Office fittings | **200** |
| 7211 | Ċentru Ċiviku | **41,897** |
| 7240 | Urban Improvements | **1,500** |
| 7310 | Office Equipment | **2,000** |
| 7528 | Monument Mons. Mikiel Azzopardi | **5,000** |
| | Pixxina | **1,000** |
| | **TOTAL EXPENDITURE** | **792,745** |

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 293**

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta’ Xiri u Pagamenti

**Data: 15/12/14-8/1/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | doi | 27.96 | 27.96 | | | publication of adverts 6/1/15 | | | | | 2940 | 10558 |
| 2 | dlg | 135.00 | 135.00 | | | publication of adverts tender lcs13/14 | 23.12.14 | 23.12.14 | lcs13/14 | | 2940 | 10576 |
| 3 | secom | 57.01 | 57.01 | | | servicing telephone set ex24 | 17.12.14 | 6904 | | | 2375 | 10575 |
| 4 | bestprint | 483.00 | 483.00 | | | printing flyers | 3.12.14 | 11282 | | | 2610 | 10574 |
| 5 | cir | 1511.85 | 1511.85 | | | cir - dec14 | | | | | 1200 | 10540 |
| 6 | cir | 172.00 | 172.00 | | | cir - dec14 | | | | | 1100 | 10540 |
| 7 | cir | 658.85 | 658.85 | | | cir - dec14 | | | | | 1500 | 10540 |
| 8 | cir | 1234.08 | 1234.08 | | | cir - nov14 | | | | | 1200 | 10539 |
| 9 | cir | 172.00 | 172.00 | | | cir - nov14 | | | | | 1100 | 10539 |
| 10 | cir | 527.08 | 527.08 | | | cir - nov14 | | | | | 1500 | 10539 |
| 11 | airswift couriers | 40.00 | 40.00 | | | postage icw screens italy | 16.12.14 | 50961 | | | 3331 | 10573 |
| 12 | maltapost | 0.31 | 0.31 | | | business reply | 16.12.14 | 2100860 | | | 2650 | |
| 13 | arms | 204.36 | 204.36 | | | dun anton vella 3/3/14-2/9/14 | 10.12.14 | 19602380 | | | 2130 | 10567 |
| 14 | medialink comm. | 54.75 | 54.75 | | | laqgha pubblika advert | 15.12.14 | 56264 | | | 2940 | 10572 |
| 15 | smart office | 83.43 | 83.43 | | | desk chair | 15.12.14 | 15446 | | | 7210 | 10571 |
| 16 | smart office | 150.80 | 150.80 | | | stationery | 12.12.14 | 15323 | | | 2620 | 10571 |
| 17 | ecopure | 17.00 | 17.00 | | | water for dispenser | 16.1.14 | 592920 | | | 3340 | 10570 |
| 18 | vodafone | 92.70 | 92.70 | | | 99762218 nov14 | 1.12.14 | 4371684122014 | | | 2160 | 10567 |
| 19 | darren abela | 14.00 | 14.00 | | | use of cherry picker festa gheneb | 15.12.14 | 30 | | | 3370 | 10568 |
| 20 | maltapost | 0.31 | 0.31 | | | business reply | 10.12.14 | 2100601 | | | 2650 | |
| | **Sub Total c/f** | **€5,636.49** | **€5,636.49** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€5,636.49** | **€5,636.49** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 293 tat-8/1/15**

Kunsillier

**Data:** **15/12/14-8/1/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 21 | arms | 40.56 | 40.56 | | gnejnet l-armonija 16/5/14-17/11/14 | 4.12.14 | 19551868 | | | 2130 | 10567 |
| 22 | arms | 598.78 | 598.78 | | bowling pitch 9/9/14-11/11/14 | 4.12.14 | 19551140 | | | 2130 | 10567 |
| 23 | melita | 26.10 | 26.10 | | tv service dec14 | 1.12.14 | 2333681 | | | 3110 | 10566 |
| 24 | antonia aquilina | 140.58 | 140.58 | | library service dec14 22hrsx6.39 | 31.12.14 | 12.14. | | | 2995 | 10565 |
| 25 | cookies confectionery | 36.00 | 36.00 | | drinks kuncert san nikola 6/12/14 | 31.12.14 | 64425 | | | 3340 | 10564 |
| 26 | daniel cutajar | 524.21 | 524.21 | | bulky refuse dec14 551.80-27.59mf | 31.12.14 | 24 | lcs14/12 | | 3042 | 10563 |
| 27 | waste collection ltd. | 4059.41 | 4059.41 | | waste collection - dec14 | 19.12.14 | 14/440. | lcs12/13 | | 3041 | 10562 |
| 28 | p.cutajar co. | 122.00 | 122.00 | | coffee | 31.12.14 | 769767 | | | 3340 | 10561 |
| 29 | dr karol aquilina | 640.00 | 640.00 | | allowance june-dec14 | | | | | 1600 | |
| 30 | mario cachia | 480.00 | 480.00 | | allowance councillors june-dec14 | | | | | 1600 | |
| 31 | nicholas cassar | 480.00 | 480.00 | | allowance councillors june-dec14 | | | | | 1600 | |
| 32 | mark vassallo | 480.00 | 480.00 | | allowance councillors june-dec14 | | | | | 1600 | |
| 33 | jesmond tanti | 480.00 | 480.00 | | allowance councillors june-dec14 | | | | | 1600 | |
| 34 | mariette borg | 480.00 | 480.00 | | allowance councillors june-dec14 | | | | | 1600 | |
| 35 | emanuel cutajar | 480.00 | 480.00 | | allowance councillors june-dec14 | | | | | 1600 | |
| 36 | dr k aquilina | 686.52 | 686.52 | | honoraria dec14 | | | | | 1100 | |
| 37 | n.baldacchino | 135.50 | 135.50 | | dec14 bonus | | | | | 1300 | |
| 38 | r.giorgino | 135.50 | 135.50 | | dec14 bonus | | | | | 1300 | |
| 39 | m.muscat | 135.50 | 135.50 | | dec14 bonus | | | | | 1300 | |
| 40 | a. borg | 135.50 | 135.50 | | dec14 bonus | | | | | 1300 | |
| | **Sub Total c/f** | **€10,296.16** | **€10,296.16** | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€5,636.49** | **€5,636.49** | | | | | | | | |
| | **Total** | **€15,932.65** | **€15,932.65** | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 293 tat-8/1/15**

Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 293**

**Data:** **15/12/14-8/1/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 41 | employees | 5118.22 | 5118.22 | | | salaries dec14 | | | | | 0 | |
| 42 | dr. k aquilina | 237.81 | 237.81 | | | expenses adverts/sms notices to residents | 24.12.14 | | | | 2940 | 10560 |
| 43 | synthesis | 826.00 | 826.00 | | | cm fee dec14 | 31.12.14 | lc015 | | | 3120 | 10559 |
| 44 | opm | 27.96 | 27.96 | | | publication of adverts 22.8.14,2.12.14,26. | 31.12.14 | | | | 2940 | |
| 45 | ell's urban services | 15400.68 | 15400.68 | | | patching non urban | 31.12.14 | 438 | lcs34/12 | | 2310 | |
| 46 | ell's urban services | 17150.72 | 17150.72 | | | patching non urban | 31.12.14 | 437 | | | 2310 | 10553 |
| 47 | nexos str lighting | 2166.15 | 2166.15 | | | repair street lighting | 31.12.14 | 2010754 | | | 2372 | 10552 |
| 48 | opm | 50.00 | 50.00 | | | publication advert tender lcs17/14 book | 26.12.14 | 26.12.14 | lcs17/14 | | 2940 | 10557 |
| 49 | emidio camilleri | 551.63 | 551.63 | | | public conveniences Dec14 | 31.12.14 | 13 | lcs24/13 | | 3053 | 10551 |
| 50 | gianluca pace | 700.00 | 700.00 | | | christimas decorations pjazza/kunsill | 31.12.14 | 31 | | | 3372 | 10556 |
| 51 | natasha mizzi | 237.00 | 237.00 | | | cleaning council premises dec14 39.5hrs x | 31.12.14 | | lcs29/12 | | 3055 | 10555 |
| 52 | colours of the rainbow | 62.25 | 62.25 | | | poinsiettas | 30.12.14 | 12 | | | 2670 | 10554 |
| 53 | n.baldacchino | 95.00 | 95.00 | | | petrol expenses nov14 | | | | | 2750 | 10503 |
| 54 | david grima | 80.00 | 80.00 | | | petrol expenses nov14 | | | | | 2750 | 10504 |
| 55 | n.baldacchino | 103.06 | 103.06 | | | expenses icw concert banda san nikola 7/1 | 6.12.14 | 179337 | | | 3340 | 10502 |
| 56 | n.baldacchino | 7.90 | 7.90 | | | olympus cable pc | 19.11.14 | 7 | | | 2620 | 10502 |
| 57 | doi | 18.64 | 18.64 | | | publication advert medical supplies | 18.11.14 | | lcs13/14 | | 2940 | 10530 |
| 58 | milord | 236.00 | 236.00 | | | twahhil ta bankijiet bypass | 31.12.14 | | | | 2370 | 10577 |
| 59 | milord | 3753.46 | 3753.46 | | | cleaning non urban dec14 | 31.12.14 | | | | 3052 | 10577 |
| 60 | avantech | 78.72 | 78.72 | | | charges photocopier | 23.12.14 | | | | 3110 | 10550 |
| | **Sub Total c/f** | **€46,901.20** | **€46,901.20** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€46,901.20** | **€46,901.20** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 293 tat-8/1/15**

0

Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi**

**Skeda Nru. 293**

**Data:** **15/12/14-8/1/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 61 | nvc | 267.03 | 267.03 | | | operating material | 11.10.14 | 5723 | | 131/148 | 2210 | 10549 |
| 62 | j. sound systems | 45.00 | 45.00 | | | screen laqgha lokalita | 12.12.14 | 177 | | | 2910 | 10548 |
| 63 | callus landscaping | 2710.00 | 2710.00 | | | planting public spaces dec14 | 30.12.14 | 37 | | | 3061 | 10547 |
| 64 | callus landscaping | 49.98 | 49.98 | | | 2 plants | 30.12.14 | 38 | | | 3061 | 10547 |
| 65 | john marmara | 36.00 | 36.00 | | | 2 gas cylinders | 8.12.14 | 1395 | | | 2210 | 10546 |
| 66 | greenlines env. Serv. | 169.00 | 169.00 | | | hiring mobile toilets hal xluq | 31.8.14 | 27152 | | 106/14 | 3372 | 10545 |
| 67 | greenlines env. Serv. | 216.00 | 216.00 | | | hiring mobile toilets tal-providenza | 30.9.14 | 27382 | | 99/14 | 3372 | 10545 |
| 68 | n.baldacchino | 95.00 | 95.00 | | | fuel expenses dec14 | 31.12.14 | | | | 2750 | 10544 |
| 69 | d.grima | 80.00 | 80.00 | | | fuel expenses dec14 | 31.12.14 | | | | 2750 | 10543 |
| 70 | louis stationery | 50.34 | 50.34 | | | postage stamps | 31.12.14 | 331 | | | 2650 | 10542 |
| 71 | louis stationery | 118.70 | 118.70 | | | newspapers oct-dec14 | 31.12.14 | 330 | | | 2950 | 10542 |
| 72 | vodafone | 48.46 | 48.46 | | | 99491670 dec14 | 1.1.15 | 4419961012015 | | | 2160 | 10567 |
| 73 | maltapost | 0.31 | 0.31 | | | business reply | 16.12.14 | 2100860 | | | 2650 | |
| 74 | maltapost | 0.31 | 0.31 | | | business reply | 10.12.14 | 2100601 | | | 2650 | |
| 75 | b.grima | 3420.30 | 3420.30 | | | traffic signs | 5.1.15 | 10004703 | lcs14/13 | | 2313 | 10587 |
| 76 | wasteserv | 3033.55 | 3146.17 | | | msw waste 3/11/14-7/11/14 | 1.12.14 | 53900 | lcs15/12 | | 3040 | 10586 |
| 77 | wasteserv | 2399.15 | 0.00 | | | msw waste 17/11/14-29/11/14 | 15.12.14 | 54209 | lcs15/12 | | 3040 | 10586 |
| 78 | wasteserv | 2790.92 | 3146.17 | | | msw waste 1/12/14-15/12/14 | 2.1.15 | 54567 | lcs15/12 | | 3040 | 10586 |
| 79 | wasteserv | 2374.64 | 0.00 | | | msw waste 17/12/14-27/12/14 | 15.1.15 | 54841 | lcs15/12 | | 3040 | 10586 |
| 80 | guard&warden serv. | 300.96 | 300.96 | | | warden service old church str | 31.12.14 | 1575 | | | 3191 | 10588 |
| | **Sub Total c/f** | **€18,205.65** | **€13,899.73** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€18,205.65** | **€13,899.73** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 293 tat-8/1/15**

Kunsillier

**Kunsill Lokali Siggiewi** **Skeda Nru. 293**

**Data:** **15/12/14-8/1/15**

| | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jitħallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 81 | pinto | 250.00 | 250.00 | | | packed lunch anzjani 15/12/14 | 15.12.14 | 3902 | | | 3362 | 10589 |
| 82 | ronald bezzina | 2770.83 | 2770.83 | | | sweeping dec14 | 30.12.14 | 23 | lcs13/12 | | 3051 | 10590 |
| 83 | go | 81.12 | 81.12 | | | 21466000/21466036 dec14 | 14.1.15 | 41595921 | | | 2160 | 10591 |
| 84 | go | 84.16 | 84.16 | | | 21468874 dec14 | 14.1.15 | 41595808 | | | 2160 | 10591 |
| 85 | go | 15.58 | 15.58 | | | 21462946 dec14 | 14.1.15 | 41595884 | | | 2160 | 10591 |
| 86 | go | 32.36 | 32.36 | | | 21465799/21465805 dec14 | 14.1.15 | 41595920 | | | 2160 | 10591 |
| 87 | go | 92.70 | 92.70 | | | 99762218 dec14 | 1.1.15 | 4419962012015 | | | 2160 | 10592 |
| 88 | union print | 62.02 | 62.02 | | | advert laqgha pubblika | 31.12.14 | 11778 | | | 2940 | 10593 |
| 89 | jb concrete | 573.48 | 573.48 | | | supply of concrete for triq s.borg olivier | 31.12.14 | 197-14 | | | 2360 | 10629 |
| 90 | charles baldacchino | 413.00 | 413.00 | | | repair drainage works triq g.preca | 27.9.14 | 27/9. | | | 2360 | 10585 |
| 91 | cir | 880.00 | 880.00 | | | cir - nov14 (allowance councillors tax) | | | | | 1600 | 10539 |
| 92 | technoline | 1770.00 | 1770.00 | | | couch for health office | 6.1.15 | 98393 | | po148/14 | | 10579 |
| 93 | pavi | 66.12 | 66.12 | | | cleaning materials, kitchen towels | 13.1.15 | 1825684 | | | | 10580 |
| 94 | vivendo group | 509.16 | 509.16 | | | furniture 2 book cases health office | 5.1.15 | 11378 | | po150/14 | | 10578 |
| 95 | vivendo group | 49.09 | 49.09 | | | delivery furniture health office | 5.1.15 | 11377 | | po150/14 | | 10578 |
| 96 | vivendo group | 448.16 | 448.16 | | | 12 stackable waiting room chairs | 5.1.15 | 11445 | | po150/14 | | 10578 |
| 97 | steel structures | 20000.00 | 20000.00 | | | progett civic centre pay o/acc 2015 | | | lcs8/11 | | 7211 | 10541 |
| 98 | | | | | | | | | | | | |
| 99 | | | | | | | | | | | | |
| 100 | | | | | | | | | | | | |
| | **Sub Total c/f** | **€28,097.78** | **€28,097.78** | | | | | | | | | |
| | **Sub Total b/f** | **€0.00** | **€0.00** | | | | | | | | | |
| | **Total** | **€28,097.78** | **€28,097.78** | | | | | | | | | |

SINDKU

Segretarju Eżekuttiv

**Approvati fis-Seduta Nru: 293 tat-8/1/15**

0

Kunsillier